

L-Erbgħa 7 ta' Lulju 2010

- (f) *hemmx biżżejjed diversità u eċċellenza fi ħdan is-SESF;*
- (g) *ir-responsabilità u t-trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti għall-pubblikazzjoni humiex xierqa.*
- (h) *Is-sede tal-Awtorità hix xierqa;*
- (i) *it-twaqqif ta' Fond għall-Istabbiltà tal-Assigurazzjoni fil-Livell tal-UE hux l-aħjar difiża kontra d-distorsjoni kompetittiva u l-aktar mod effiċjenti biex jiġi trattat in-nuqqas ta' istituzzjoni transkonfinali.*

2. Ir-rapport u kwalunkwe proposta li takkumpanjah, kif xieraq, għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 67

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2011, **bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 62 u 63(1) u (2), li għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ. L-Awtorità għandha tkun stabbilita fid-data tal-applikazzjoni.**

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

Għall-Parlament Ewropew  
Għall-Kunsill

Il-President  
Il-President

## **Ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni \*\*\*I**

P7\_TA(2010)0274

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni (COM(2009)0362 – C7-0096/2009 – 2009/0099(COD))**

(2011/C 351 E/40)

(Proċedura ta' kodeċizzjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0362),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 47(2) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0096/2009),

L-Erbgħa 7 ta' Lulju 2010

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem “Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għadejjin bħalissa” (COM(2009)0665),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 53 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Novembru 2009 <sup>(1)</sup>,
  - Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Jannar 2010 <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0205/2010),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari kif tinsab hawnhekk;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

<sup>(1)</sup> ĠU C 291, 1.12.2009, p.1.

<sup>(2)</sup> Għad mhux ippubblikat fl-Ġurnal Uffiċjali.

## P7\_TC1-COD(2009)0099

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta' Lulju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva (UE) Nru. .../2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-reqwiziti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2010/76/UE)*

## **Kompiti speċifiċi għall-Bank Ċentrali Ewropew rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar r-Riskju Sistemiku \***

P7\_TA(2010)0275

**Proposta għal regolament tal-Kunsill li jinkariga lill-Bank Ċentrali Ewropew b'kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (05551/2010 – C7-0014/2010 – 2009/0141(CNS))**

(2011/C 351 E/41)

(Proċedura leġislattiva speċjali - Konsultazzjoni)

Din il-proposta ġiet emendata fis-7 ta' Lulju 2010 kif ġej <sup>(1)</sup>:

<sup>(1)</sup> Il-każ kien riferut lura lill-kumitat skont it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(2) (A7-0167/2010).